**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili**

Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skond il-liġi.

Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża

JG (K.I.: XXX)

*vs*

MX (K.I.: XXX)

**Rikors Ġuramentat ta' JG;**

Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tagħha tikkonferma s-segwenti fatti, liema fatti hi taf bihom personalment:

1. Illi l-esponenti hi proprjetarja tal-garaxx numru XXX (X) fil-*basement level* tal-kumpless ta' bini magħruf bħala "XX" fi Blokk ittra "X" numru "X" (Block XX) aċċessibbli minn rampa li tagħti għal Triq XX fi Triq XX, XX fil-waqt li l-konvenut huwa proprjetarju jew pussessur tal-garaxx adjaċenti numru XX (X) aċċessibbli mill-istess komun;

2. Illi fl-aħħar jiem, l-esponenti intnebħet li l-intimat fetaħ tieqa mill-garaxx tiegħu għal ġol-bitħa formanti parti mill-garaxx proprjeta tal-esponenti, minn fejn l-imsemmija bitħa hi unikament aċċessibbli;

3. Illi qed jiġi preżentat ritratt meħud mill-esponenti tat-tieqa kif tidher mill-bitħa tal-istanti, liema ritratt qed jiġi mmarkat "Dok. A";

4. Illi tali aġir jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-esponenti da parti tal-intimat;

5. Illi minkejja li ġie debitament interpellat sabiex jirrimedja l-ispoll u jreġġa' lura x-xogħol li għamel u dan permezz ta' ittra uffiċċjali numru XX/XXXX li ġiet preżentata nhar il-XXX (vera kopja hawn annessa u mmarkata "Dok. B") il-konvenut għazel li jibqa' inadempjenti u meta avviċina lill-esponenti ma weriex li kien fi ħsiebhu jirrimedja dak li għamel;

6. Illi għalhekk, l-esponenti kellha tirrikorri għal din l-azzjoni;

Illi r-raġuni ta' din it-talba hi li l-konvenut wettaq spoll riċenti, vjolenti u klandestin fil-konfront tal-esponenti u għalhekk għandu jiġi kkundannat sabiex ireġġa' lura x-xogħolijiet li għamel u jirrintegra lill-esponenti fit-tgawdija ta' ħwejjiġha;

Għaldaqstant, l-attriċi titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-konvenut ikkommetta spoll riċenti, vjolenti u klandestin għad-detriment ta' l-istanti billi fetaħ tieqa mill-garaxx tiegħu numru XX (X) għal ġol-bitħa formanti parti mill-garaxx proprjeta tal-esponenti numru XX (X) fil-*basement level* tal-kumpless ta' bini magħruf bħala "XX" fi Blokk ittra "X" numru "X" (Block XX) aċċessibbli tali garaxxijiet minn rampa li tagħti għal Triq XX fi Triq XX, XX;

2. Tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss jagħmel dawk ix-xogħlijiet rimedjali kollha opportuni sabiex jirripristina lill-esponenti fit-tgawdija ta' ħwejjiġha inkluż billi jagħlaq it-tieqa li fetaħ mill-garaxx tiegħu numru XX (X) għal ġol-bitħa formanti parti mill-garaxx proprjeta tal-esponenti numru XX (X) fil-*basement level* tal-kumpless ta' bini magħruf bħala "XX" fi Blokk ittra "X" numru "X" (Block XX) aċċessibbli tali garaxxijiet minn rampa li tagħti għal Triq XX fi Triq XX, Mosta u dan *occorrendo* taht is-supervizjoni ta' periti nominandi;

3. Fin-nuqqas, tawtorizza lill-istanti tagħmel dawk ix-xogħlijiet rimedjali a spejjeż tal-konvenut, *occorrendo* taħt is-superviżjoni ta' periti nominandi;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali numru XX/XX, kontra l-konvenut minn issa inġunt in subizzjoni u b'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-istanti.

Avv. John Bonello
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

Avv. Marthese Grech

P.L. Jean-Pierre Busuttil

**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili**

JG (K.I.: XX)

*vs*

MX (K.I.: XX)

**Lista tax-Xhieda:**

L-attriċi għall-konferma tal-fatti dikjarati u sabiex telabora dwarhom;

Familjari tal-attriċi għall-konferma tal-fatti dikjarati u sabiex jixhdu dwar il-fatti ta' dan il-każ a konoxxenza taghhom;

Persuni li ghandhom proprjeta' jew jabitaw fil-vicinat tal-proprjeta' *de quo*;

Ħaddiema u/jew bennejja u/jew periti li ghamlu jew li qed jaghmlu xogholijiet fil-proprjeta de quo inkluż il-Perit XX ilkoll sabiex jixhdu dwar il-fatti ta' dan il-każ a konoxxenza taghhom;

Rappreżentant tal-Awtorita tal-Ippjanar sabiex jixhed dwar permessi li nħargu fuq il-proprjeta *de quo*;

Il-konvenut għall-konferma tal-fatti u in subizzjoni.

Avv. John Bonello

Avv. Marthese Grech

P.L. Jean-Pierre Busuttil

**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili**

JG (K.I.: XX)

*vs*

MX (K.I.: XX)

**Lista ta' Dokumenti:**

Dok. A Ritratt meħud mill-esponenti tat-tieqa kif tidher mill-bitħa tal-istanti;

Dok. B Vera kopja ta' ittra uffiċċjali numru XX/XX preżentata mill-attriċi.

Avv. John Bonello

Avv. Marthese Grech

P.L. Jean-Pierre Busuttil

Attrici: X

Konvenut: Y